Minuti tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Malta tas-seduta numru ħamsa u għoxrin (25) li nżammet nhar it-28 ta' Ottubru, 2020 fis-6.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużati: | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

Din il-laqgħa li nżammet fuq skype għaliex mhux possibbli li jiltaqgħu għaxra persuni f'kamra waħda żgħira u l-KLR irid jirrispetta d-direttivi tad-Dipartiment tas-Saħħa taż-żewġ metri distanza minn xulxin u kienet imxandra xorta waħda fuq is-site www.localgovernment.gov.mt mis-SE li kien preżenti fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u l-membri kollha flimkien qalu t-talba.

Fil-bidu kienu on-line, is-Sinjuri Sandro Craus, Matthew Chetcuti, Kris Grech, Ian Vassallo, Karl Muscat u Christopher Farrugia.

25.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġiji** — *Ittri ta' Apoloġija*

Is-Sur Rudolph Grima ma' setgħax jidħol *on-line* filwaqt li s-SE qara messaġġ tas-Sur Nazju Cassar fejn informa lill-kunsillieri li ma' setax ikun magħna. Dawn iż-żewġ kunsillieri kienu skużati.

25.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru erbgħa u għoxrin (24).** — *Minuti*

Il-minuti tas-seduta numru erbgħa u għoxrin kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu ċirkulati mal-agenda ħamest ijiem qabel il-laqgħa. Is-Sindku, is-Sur Sandro Cruas ipproponihom filwaqt li is-Sur Matthew Chetcut ssekonda u dawn kienu approvati unanimament.

*Appell tal-offerta pubblika ta' Ġnien Bir Iljun*

Dwar l-appell tal-offerta pubblika tar-rikostruzzjoni tal-**ġnien ta' Bir Iljun,** is-SE qal illi l-*Public Contracts Review Board* ħass li fuq kollox ma kellux jikkanċella l-offerta pubblika u ta ċ-ċans lill-Kunsill Lokali tar-Rabat jerġa' jagħmel re-evalwazzjoni tagħha b'membri ġodda. Intqal illi għadu ma nstabx avukat alternattiv. Se navviċinaw lil Dr Joseph Zammit, Dr Chris Cilia jew lil Dr Naiomi Cachia.

*Proposti ta' toroq one-way*

B'riferenza għall-proposta biex isiru **toroq one-way** fl-inħawi ta' Triq il-Fidloqqom kif imsemmi fl-aħħar seduta u wkoll it-talba li saret mir-Rettur tal-Iskola ta' Sant Agatha biex issir ukoll parti minn Triq Emanuele Vitale, kien hemm diversi reazzjonijiet fosthom li navviċinaw perit li jifhem fit-traffiku. Hawn issemma' l-fatt illi minn diversi toroq anke fil-parti ta' Triq Bir ir-Riebu fejn hija *two way,* il-verita' hi, li b'vettura pparkjata fuq naħa waħda, żewġ vetturi ma jgħaddux minn ħdejn xulxin, kif inhi r-realta' ta' parti minn Triq Emanuele Vitale. Kien deċiż illi jsir aktar *brain storming* f'laqgħa apposta li hija skedata għal nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru fl-4.00pm fil-Muniċipju.

*Refurbishment tal-latrina pubblika*

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq ir-refurbishment tal-**latrina pubblika** ta' Triq il-Kulleġġ. Hu qal illi bħalissa qed jitwaħħlilha is-suffett. Fil-jiem li għaddew kienet installata sistema ta' cctv. B'riferenza għal-latrina ta' Triq Santa Rita, is-Sindku qal li qed isiru *spot checks* u din qed tinstab mingħajr sanitizer u sapun. Hawn is-Sur Ian Vassallo u s-Sur Matthew Chetcuti qalu illi aktar milli ikunu installati *cctv cameras* fuq ġewwa, jinħtieġ li jiġu stallati

*dispensers* jissakkru u anke bħala konsum dan se jonqos awtomatikament.

Is-servizz tal-**Community Policing** issa ġie uffiċjalment imħabbar mil-Gvern Ċentrali fir-Rabat fost lokalitajiet oħra. Hawn saret referenza għar-riżultati li bdew jinħassu fir-Rabat fejn saħansitra kuntistabbli li ssemma' anke b'ismu, salva tifla li kienet qed tifga fl-ikel x'ħin inzerta kien għaddej minn quddiem id-dar tagħha u sema' kommossjoni. Dan il-fatt kien fil-*media*. Il-KLR qabel illi għandna nibgħatu ittra bħala rikonoxximent mhux biss lilu, iżda lit-tim kollu għall-isforzi tagħhom li saru dan l-aħħar biex anke jitneħħew vetturi mitluqa fit-toroq tar-Rabat, fl-isfond illi wieħed minn dawn l-uffiċjali kien ukoll aggredit fuq parkeġġ irregolari li pprova jimmaniġġja viċin il-Klabb tal-Ħamiem, fir-Rabat. Community Policing

Saret referenza għax-xogħol ta' **pavimentar** fuq iz-zuntier tal-Bażilika ta' San Pawl mill-Ministeru tax-Xogħlijiet fejn intqal illi dawn għaddejjin bil-mod wisq u issa reġgħu waqqfu. Il-KLR se jindaga x'inhi ir-raġuni għal dan. Pavimentar taz-zuntier

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq ix-**xogħlijiet ta' toroq fi Triq Lawrenti**. Hu qal illi hemmhekk ix-xogħol tat-tqegħid tal-mejn tal-ilma li irid jinbidel qabel ma tkun asfaltata t-triq. Triq Lawrenti

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem ukoll fuq ix-xogħlijiet tat-**Triq tal-Imtaħleb** fejn tħalliet *re-instated* bil-*lean mix* fuq il-gandott tad-drenaġġ li għaddew il-Korporazzjoni għas-Servizz tal-Ilma. Hu qal illi bejn il-Fiddien u t-telgħa tal-Imtahleb għadhom għaddejjin l-arranġamenti bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Infrastruttura Malta biex tkun asfaltata din it-triq mill-Fiddien sat-triq tal-Għemieri għax mhux aċċettabbli li jsir *reinstatement* bil-HRA fuq il-gandott biss. Triq tal-Imtaħleb

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq ix-xogħlijiet tad-drenaġġ ippjanati mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, **f'Tas-Salvatur.** Hu qal illi dawn mhux se jibdew qabel ma jitlestew ix-xogħlijiet fl-Imtahleb. Hu fatt illi dawn ix-xogħlijiet marru lura minħabba li l-kuntratturi naqqsulhom il-ħaddiema barranin. Deranġġ f'Tas-Salvatur

Is-Sur Chris Farrugia talab spjegazzjoni dwar ix-xogħlijiet li jidher li waqqfu fuq il-*water catchment* tal-Housing Estate ta' **Għar Barka**. Is-SE qal illi l-intervent sar fuq il-parti tan-naħa ta' fuq biex dan il-*water catchment* jilqa' l-ilma b'mod rapidu u ma jħallix jgħerqu t-toroq li kollha jmissu ma xulxin fl-aktar post baxx, hekk kif jibdew l-għelieqi. Dan il-*water catchment* ilu jeżisti għaxriet ta' snin u s'issa jidher li ħadd ma sab tarf l-ilma kollu li jaqa' fil-parti baxxa fejn diversi residenti li kienu identifikati matul din il-laqgħa, qed jegħrqu. Is-SE qal illi dan kien sar mill-Gvern Ċentrali u jgħaddi sewwa sew mill-għelieqi biex ma jgħarraqx ir-raba. Is-SE ħa l-opportunita' biex f'isem il-KLR jirringrazzja lill-Ministeru tal-Infrastruttura tax-xogħol ta' kisi bil-HRA **f'Fomm ir-Riħ u l-inħawi tal-Blata tal-Melħ.** Water Catchment f'Għar Barka; Xogħlijiet f'Form ir-Riħ

25.03 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 33 u Ċedola tal-pagamenti numru 314** Ċedola u Works/Purchase Order
Kien approvati unanimament iċ-ċedola tal-pagamenti numru 314 u dik tal-*Purchase/Works Orders* 33 bil-proponenti jkunu is-Sur Matthew Chetcuti u s-sekondant is-is-Sur Chris Farrugia.

25.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**
Ma kienx hemm

25.05 **Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart (Lulju-Settembru 2020)** Rapport Finanzjarju tat-Tielet kwart
Ir-**Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart** imħejji mill-Accountant, is-Sra Romina Perici Ferrante kien imressaq għall-vot u ssekondat mis-Sra Doris Coleiro u dan kien approvat b'vot unanimu. L-FSI jimmarka 128%, minkejja li kien hemm *deficit* ta' €157,587. Kien identifikat illi ammont sostanzjali min-nefqa kienet f'deprezzament fuq il-fanali l-antiki li nqalgħu u nbidlu ma' dawk ġodda fl-inħawi tal-UCA tar-Rabat.

25.06 **Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2020 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.** SPI/SCI/5/2020

Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoniji proposta mid-Direttur Gvern Lokali f'SCI 5. Il-Kunsill qabel illi se japplika biex ikun hemm sostenn mill-Gvern Ċentrali fil-proġett

ta' Vjal il-Ħaddiem biex il-gandott li hemm fl-għelieqi li qed jiġġarraf bil-konsegwenza illi l-ilma tat-triq qed iħassar l-uċuħ tar-raba' jsirlu manutenzjoni u jiġi rrinfurzat.

25.07 **Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2020 – Finanzjament ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex.** SPI/SCI/6/2020

Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoniji proposta mid-Direttur Gvern Lokali f'SCI 6. Il-Kunsill qabel illi se japplika biex ikun hemm sostenn mill-Gvern Ċentrali fil-proġett tal-Baħrija (quddiem il-Knisja).

25.08 **Rispons għall-Klarifiki mitluba għall-applikazzjoni tal-*European Mobility Week* konġunta tal-Kunsill Lokali tar-Rabat/Mdina dwar karozzi elettriċi** Rispons għall-klarifiki

B'riferenza għall-applikazzjoni **tal-European Mobility Week** is-SE għamel referenza għall-klarifiki li kienu mitluba mill-bord governattiv li qed jevalwahom. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hu ta dak kollu li kienu jinħtieġu. Dan sar biex isaħħaħ l-argument tal-Kunsilli Lokali tar-Rabat u tal-Imdina li hemm bżonn dawn il-vetturi elettriċi. Barraminhekk dawn il-vetturi m'humiex se jkunu f'konflitt ma dawk ta' operaturi tat-trasport pubbliku li preżentement jista' hawn bħalhom fit-toroq xprunati bil-batterija.

25.09 **Eżitu dwar awditjar u viżita f'Ta' Koronja u l-Imtaħleb mill-Aġenzija tal-Pagamenti dwar il-Proġett Miżura 4.3 tal-Unjoni Ewropeja** Spezzjoni għall-għarrieda

Is-SE qal illi kellu audit u **spezzjoni sorpriża** mill-aġenzija tal-pagamenti fuq is-siti fejn inksew bit-tarmak minn Bonnici Brothers għall-Kunsill Lokal tar-Rabat.

25.10 **Punti oħra**

Is-Sindku ippropona illi tintbgħat **kartolina** fid-djar tar-residenti Rabtin bir-ritratt tal-kunsillieri u l-ħaddiema u b'informazzjoni dwar numru ta' kuntatti ta' entitajiet importanti. Għal din l-inizjattiva ma kienx hemm oġġezzjoni u saħansitra kienu proposti biex jinġiebu stimi minn għand l-istampaturi Best Print tal-Qrendi u Playpen t'Għawdex. Kartolina tal-Milied

Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-KLR il-proposta biex issir il-**Maratona** tal-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta fuq inizjattiva li ssir kull sena tal-**Community Chest Fund**. Hu qal illi qed jiġi propost biex il-maratona ssir għal mitt persuna li jitilqu 10, 10 minn quddiem il-Kunsill u jinżammu l-miżati u jitqassmu l-flokkijiet mill-istaff. Il-KLR qabel li din issir bejn ir-Rabat u l-Baħrija. Maratona tal-ET il-President

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus irrefera għall-**funtana** quddiem il-Bażilika tar-Rabat u qal li din m'hemmx għalfejn tibqa' taħdem bil-lejl u għaldaqstant se jsirilha **timer** biex tibda' tintefa waħidha b'mod awtomatiku wara ċertu ħin. Funtana fil-Pjazza

Għat-talba minn skola biex l-istudenti jkunu jistgħu jirriċerkaw fuq persuni li għamlu **ġiegħ lir-Rabat fl-isports**, kienu imsemmija diversi sportivi Rabtin fosthom is-Sur Carmel Busuttil fil-futbol, is-Sur Carr fl-isnooker, is-Sur Charles Camilleri iż-Żoqdi fil-muturi, is-Sur Jean Luka fil-Go-Carts u saqansitra Mr Cool fil-ħiliet ta' saħħa tiegħu. Rabtin Sportivi

Is-Sur Matthew Chetcuti rrefera għall-**applikazzjoni PA6587/20** quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar biex jitpoġġew **imwejjed u siġġijiet fi Triq Zondadari** minħabbar ristorant/bar flok ħanut tal-ġojjellerija. Hawn intqal illi din it-triq hija dejqa wisq u mhux possibbli li jitpoġġew dawn l-imwejjed u s-siġġijiet filwaqt li din tibqa' miftuħa għal xi eventwalità li jkun hemm fosthom dawk ta' emerġenza per eżempju b'abbulanza. Kien deċiż illi tiddaħħal oġġezzjoni fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar f'dan is-sens anke minħabba li f'din it-triq hemm skola tat-tfal żgħar. Hawn intqal illi ma jistax ikun tollerat impediment għall-moviment liberu tal-*pedestrians* u s-Sur Sandro Craus qal illi fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss se niddiskutu l-posta tal-imwejjed u PA6587/20

s-siġġijiet li saret quddiem il-ħanut Baxa fi Triq il-Kbira bl-għeluq ta' gaġġa tal-ħadid biex tkun salvagwardjata ħajjet min ikun qed jiekol barra quddiem l-istess restaurant/snack bar. Dan is-suġġett se jkun imqajjem ukoll mal-Pulizija / Pulizija tal-Komunità.

Is-Sur Matthew Chetcuti talab li jkun skużat kif fil-fatt kien fit-fit-20.15pm.

Is-Sur Ian Vassallo irrefera għall-**un/loading bay** fejn il-makna tal-ġwież fi Triq Pierre Muscat u qal illi biex ikunu infurzat dan il-parkeġġ u oħrajn simili, irid ikollhom it-tabella tal-ħinijiet u din fil-fatt m'għandiex.

Un/loading Bay

Il-KLR appunta diversi persuni biex iservu fuq bordijiet tal-evalwazzjoni, fosthom biex tkun aġġudikata l-offerta tar-***refurbhishment*** **tal-uffiċċju Muniċipali.** Dawn se jkunu, is-Sur Paul Bugeja bħala Chairman, u bħala membri kienu appuntati Dr Richard Sladden, il-Periti is-Sur Roderick Camilleri, u s-Sur Mannie Galea, l-Inġinier Nicky Borg, is-Sur Matthew Giordmaina, Dr Maria Azzopardi, Dr Graziella Tanti u l-Inġinier is-Sur Chris Scerri.

Membri fil-bordijiet ta' Evalwazzjoni tal-Offerti

Is-Sur Ian Vassallo semma' l-**grada li tgħatti l-katusa tal-ilma** fi Triq Bir ir-Riebu li ilha rrappurtata mkissra mil-laqgħa li għaddiet. Is-SE qal illi din se tissewwa' u fil-fatt hi xhieda li verament żewġ vetturi ma jgħaddux f'postijiet minnhom - tant li jkollhom jitilgħu fuq il-bankina u jirfsu l-istess grada tal-ilma u din titkisser. Intqal ukoll illi għaldaqstant miżuri bħal dawn ta' one ways jissalvagwardjaw l-infrastruttura.

Grada tal-ilma fi Triq Bir ir-Riebu

Is-**Sur Ian Vassallo** irringrazzja lil kulħadd u talab li jiġi **skużat** kif fil-fatt kien fit-19.45 filwaqt li daħlet fuq Skype is-Sra **Doris Coleiro.**

Is-Sur Chris Farrugia tkellem fuq il-pubblikazzjoni ***Rabat Sacrum*** u hawn intqal illi x-xogħol miexi sew biex din tkun waħda informattiva bbażata fuq riċerka u fuq kollox interessanti.

Rabat Sacrum

**Dr Karl Muscat** informa lill-KLR illi fil-qrib se jkun qed jitfa' r-**riżenja** tiegħu minn kunsillier għaliex ħa l-aħbar ta' mpjieg ta' Prosekutur Kriminali mal-Avukat Ġenerali u ma jistax iżomm postu minħabba imparzjalita'. Hu ta r-raġuni dettaljata tiegħu għaliex kellu jagħlaq saħansitra l-uffiċċju personali tiegħu minħabba nuqqas ta' xogħol fil-jiem iebsin li għaddej pajjiżna minnu tal-Covid 19. Hawn is-Sindku irringrazzjah u qal illi kienet esperjenza sabiħa li ħdimna ma' Dr Karl Muscat u dejjem smajna tifħir dwaru mir-residenti. Dr Karl Muscat qal illi qabel ma jispiċċa jixtieq jagħlaq il-proġett tal-*Cat Shelters* u l-bżonn li jkunu ivvutati flus (vouchers) fl-*ineutering* wara li kellu diversi kuntatti ma' Ms  Romina Frendo biex ikunu msarrfa mal-kumpanija *Happy Pause.* Hu qwal illi għall-qattusa din tiġi tiswa' Eur18 u għall-qattus Eur12. Is-Sindku talbu biex jibgħat e-mail ħalli jagħtina l-kuntatti tal-*Cat Feeders* u imbgħad aħna niffolowjawhom minn hemm.

Riżenja ta' Dr Karl Muscat

Cat Shelters

Neutering

25.11 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**
Il-KLR temm il-laqgħa fid-9.00pm u dik li jmiss se ssir nhar it-18 ta' Novembru 2020 fis-6.00pm.

Aġġornament

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula mis- Sur Anthony Bonello u approvati llum 18.11.2020 mis- Sur Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku